31997R0143

28.1.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 25/13

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 143/97
tas-27 ta' jannar 1997
dwar it-tielet lista ta' sustanzi ta' prijorità kif previsti permezz tar-regolament tal-kunsill (KEE) nru 793/93

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 793/93 tat-23 ta' Marzu 1993 dwar l-evalwazzjoni u l-konroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti [1] u b'mod partikolari l-Artikoli 8 u 10 tiegħu,

Billi r-Regolament (KEE) Nru 793/93 jaħseb għal sistema ta' evalwazzjoni u kontroll tar-riskji ta' sustanzi eżistenti u billi sabiex jibda x-xogħol ta' l-evalwazzjoni tar-riskju ta' dawn is-sustanzi, huwa xieraq li jkunu identifikati s-sustanzi ta' prijorità li jinħtieġu attenzjoni;

Billi b'konsegwenza, l-Artikolu 8 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 jinħtieġ li l-Kummissjoni tħejji lista ta' sustanzi ta' prijorità; billi l-Artikolu 8 jkompli jindika l-fatturi li għandhom jiġu meqjusa fit-tħejjija tal-lista imsemmija;

Billi l-Artikolu 10 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 jipprevedi li għal kull sustanza fil-lista ta' prijorità, Stat Membru għandu jingħata r-responsabbiltà għall-evalwazzjoni tiegħu u billi l-allokazzjoni ta' sustanzi għandha tiżgura t-tqassim xieraq tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri;

Billi ġew addottati l-ewwel u t-tieni lista ta' prijorità permezz tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1179/94 tal-25 ta' Mejju 1994 [2] u Nru 2268/95 tas-27 ta' Settembru 1995 [3];

Billi id-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit permezz ta' l-Artikolu 15 tar-Regolament (KEE) Nru 793/93,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. It-tielet lista ta' sustanzi ta' prijorità kif prevista fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament (KEE) Nru 793/93 hija miktuba fl-Anness għal dan ir-Regolament.

2. Din il-lista ta' sustanzi ta' prijorità tindika wkoll l-Istat Membru li huwa responsabbli għal kull wieħed minn dawn is-sustanzi.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ mal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fis-27 ta' Jannar 1997.

Għall-Kummissjoni

Ritt BJERREGAARD

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 84, tal-5.4.1993, p. 1.

[2] ĠU L 131, tas-26.5.1994, p. 3.

[3] ĠU L 231, tat-28.9.1995, p. 18.

L-ANNESS

Nru Einecs		Nru CAS	Isem tas-sustanza	Stat Membru
1	234–390–0	11138–47–9	Melħ tas-sodju ta' aċidu Perboriku	A
2	215–146–2	1306–19–0	Ossidu tal-kadmju	B
3	231–152–8	7440–43–9	Kadmju	B
4	247–714–0	26447–40–5	*Methylenediphenyl diisocyanate*	B
5	202–716–0	98–95–3	Nitrobenżin	D
6	204–539–4	122–39–4	Diphenylamine	D
7	225–768–6	5064–31–3	*Nitrolotriacetate* tat-Trisodju	D
8	233–118–8	10039–54–0	Bis (*hydroxylammonium*) sulfat	D
9	239–148–8	15096–52–3	Hexafluoroaluminate tat-trisodju	D
9 *bis*	237–410–6	13775–53–6	Hexafluoroaluminate tat-trisodju	D
10	250–378–8	30899–19–5	Pentanol	D
11	231–111–4	7440–02–0	Nikel	DK
12	232–104–9	7786–81–4	Sulfat tan-nikel	DK
13	216–653–1	1634–04–4	Tert-butyl methyl ether	FIN
14	221–221–0	3033–77–0	Klorur ta' 2,3-epoxypropyltrimethylammonium	FIN
15	222–048–3	3327–22–8	Klorur tat-trimethylammonium (3-chloro-2-hydroxypropyl)	FIN
16	204–371–1	120–12–7	Antraċene	GR
17	231–959–5	7782–50–5	Kloru	I
18	201–178–4	85–68–7	Benzyl butyl phthalate	N
19	200–915–7	75–91–2	Idrjoperossidu tat-Tert-butyl	NL
20	201–178–4	79–11–8	Aċidu kloroaċetiku	NL
21	201–328–9	81–14–1	4'-tert-butyl-2', 6'-dimethyl-3', 5'-dinitroacetophenone	NL
22	201–329–4	81–15–2	5-tert-butyl-2,4,6-trinitro-m-xylene	NL
23	266–028–2	65996–93–2	Żift, qatran, temperatura għolja	NL
24	203–808–3	110–85–0	Piperażina	S
25	201–245–8	80–05–7	4,4'-isopropylidenediphenol	UK
26	215–607–8	1333–82–0	Triossidu tal-kromju	UK
27	231–889–5	7775–11–3	Kromat tas-sodju	UK
28	231–906–6	7778–50–9	Dikormat tal-potassju	UK
29	232–143–1	7789–09–5	Dikormat ta' l-ammonja	UK
30	234–190–3	10588–01–9	Dikromat tas-sodju	UK
31	287–477–0	85535–85–9	Alkanu, C14–17, kloro	UK